MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Numru. 568/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Vs**

**Terence Burrows**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Terence Burrows ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Tania Burrows, imwieled Pietà fis-16 ta' Dicembru 1990 u residenti 22, Triq Sant' Anglu, Isla, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 18291(M), talli f' dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Ottubru 2013 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil

persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja minghand il-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jamminifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kellu fil-pussess tighu d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' u tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti imsemmia u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medcini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
3. U aktar talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. nhar is-26 ta' Marzu 2010 u ohra mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. nhar is-7 ta' Frar 2012, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
4. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)

presejduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. nhar it-23 ta'' Novembru 2012, liema sentenza saret definittiva;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u senjatament fotokopja tal-Karta ta' l-Identità ta' l-imputat markata Dok."PG1", il-fedina penali ta' l-imputat markata Dok."PG2" u l-Ordni ta' l-Avukat Generali skond l-Artikolu 22(2) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat wiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u rat li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-imputat qed jigi akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Ottubru 2013 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data: (i) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja minghand il-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra

awtorizzat li jamminifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) kellu fil-pussess tighu d-droga herojina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' u tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti imsemmia u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medcini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu; (iii) u aktar talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. nhar is-26 ta' Marzu 2010 u ohra mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. nhar is-7 ta' Frar 2012, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula; (iv) u aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presejduta mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D. nhar it-23 ta' Novembru 2012, liema sentenza saret definittiva. Il-Prosekuzzjoni in oltre titlob li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u dana anke wara li l-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bl-iktar mod

solenni bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha. Fid-dawl ta’ din l-ammissjoni u fid-dawl ta’ dak li rrizulta mill-atti processwali, u b’mod partikolari mill-fedina penali ta’ l-imputat markata Dok. “PG2”, u waqt is-smigh li nzamm fis-26 ta’ Ottubru 2013, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat izda hadet in konsiderazzjoni wkoll in-natura gravi tar-reati mwettqa w ammessi mill-imputat u l-hsara li reati ta’ din in-natura jikkawzaw lis-socjetà. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li mill-fedina penali ta’ l-imputat markata Dok. “PG2” ampjament jirrizulta li l-imputat ikkommetta r-reati minnu ammessi f’dawn il-proceduri mhux biss wara li già kien instab hati ta’ reati ohra b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi llum huma definittivi u ma jistghux jinbidlu izda wkoll waqt it-terminu operattiv ta’ Ordni ta’ Probation u Servizz impost a tenur ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta bis-sahha ta’ sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Joseph Apap Bologna deciza fit-23 ta’ Novembru 2012.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat ir-Regolamenti 4 u 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghall-perijodu ta’ tlett snin (3) prigunerija effettiva **u** ghall-hlas ta’ multa ammontanti ghal seba’ mitt Euro (€700).

In kwantu rigwarda r-raba’ akkuza migjuba fil-konfront ta’ l-imputat, filwaqt li ttenni li qed issibu hati ta’ din l-akkuza, qed tittratta mieghu ghar-reati li taghhom kien instab hati bis-sentenza pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Joseph Apap Bologna fit-23 ta’

Novembru 2012 u ghal dawk ir-reati tikkundannah ghall-perijodu ta' erba' (4) xhur prigunerija effettiva.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tornda lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante li ma tressqux provi dwar tali spejjez.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------